MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 430/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Louis Zahra**
**Dylan Demanuele**
**Dylan Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin James Louis Zahra, Dylan Demanuele u Dylan Muscat talli nhar-il 11 ta’ Marzu 2010 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghodu (7.30 a.m.) gewwa l-Iskola Sekondarja Subien Imtarfa Malta hebbew ghal Victor Sebastian Castillo Fonseca u kkagunawlu feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifikat minn Dr V Ciantar MD.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghas-sigurta` ta' Victor Sebastian Castillo Fonseca;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-appellati (allura imputati) hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 688(f) u ghaldaqstant astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha stante li l-procediment huwa ezawrit;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-18 t' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputati appellati mill-ewwel parti ta' l-imputazzjoni (u cioe` tar-reat ta' hebb); filwaqt li
(b) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputati mit-tieni parti ta' l-imputazzjoni u cioe` mir-reat ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victor Sebastian Castillo Fonseca; u minflok
(c) issib lill-imputati hatja talli nhar-il 11 ta' Marzu 2010 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (7.30 a.m.) gewwa l-Iskola Sekondarja Subien Imtarfa Malta hebbew ghal Victor Sebastian Castillo Fonseca u kkagunawlu feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifikat minn Dr V Ciantar; u
(d) tinfliggi kontra l-istess imputati appellati l-piena idonea fuq dan ir-reat skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tallum stess fejn id-difensuri ta' l-appellati aderixxew ma' l-appell ta' l-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi meta ddikjarat l-azzjoni preskritta fir-rigward tar-reat dedott kontra l-appellati li kkagunaw offiza ta' natura hafifa

fuq il-persuna ta’ Victor Sebastian Castillo Fonseca. Jirreferi ghall-imputazzjoni dedotta kontra l-appellati u jghid li din tista’ tinqasam fi tnejn, u cioe` l-ewwel parti relattiva ghar-reat ta’ hebb u t-tieni parti relattiva ghar-reat ta’ offizi ta’ natura hafifa. L-appellant jikkoncedi li l-imputazzjoni ta’ hebb tista’ titqies preskritta in kwantu hija ta’ natura kontravvenzjonali preksrivibbli bid-dekors ta’ tliet xhur, u dan ai termini ta’ l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kwantu ghar-reat ta’ ikkagunar ta’ offiza ta’ natura hafifa, pero`, jghid illi dan huwa delitt, huwa applikabbli l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk l-azzjoni mhix preskritta.

Issa, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta’ l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax qieset li l-offizi subiti minn Victor Sebastian Castillo Fonseca kienu ta’ importanza zghira, li ghalhekk a tenur tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-piena applikabbli hi dik applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet, li l-perijodu preskrittiv ghall-kontravvenzjonijet huwa dak ta’ tliet xhur, u peress illi kienu ghaddew aktar minn tliet xhur minn meta sehh il-kaz sakemm gew notifikati l-appellati, allura l-azzjoni kienet preskritta.

Issa, kif issottometta l-appellant, jista’ jinghad illi l-imputazzjoni kif dedotta fil-fatt tikkontjeni zewg partijiet, ossia zewg imputazzjonijiet: l-imputazzjoni li l-appellati hebbew ghal Victor Sebastian Castillo Fonseca (l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9) u l-imputazzjoni li kkagunaw offizi ta’ natura hafifa (l-artikolu 221 tal-Kap. 9) lill-istess Victor Sebastian Castillo Fonseca. Filwaqt illi m’hemmx dubju li l-azzjoni kriminali fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni hi preskritta stante li ghaddew aktar minn tliet xhur mid-data li sehh il-kaz sad-data li gew notifikati l-appellati (difatti mill-komparixxi jirrizulta li c-citazzjoni sahansitra nharget wara li kienu skadew tliet xhur), mhux l-istess jista’ jinghad dwar it-tieni imputazzjoni. Fil-fatt ir-ragunament imsemmi ta’ l-ewwel Qorti dwar ir-reat li l-appellati kkagunaw offizi ta’ natura hafifa, huwa erroneju.

Ir-reat ta’ ikkagunar ta’ offizi ta’ natura hafifa huwa delitt u jibqa’ delitt ancorche` l-piena aplikabbli tkun dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet. Ir-reat ma jbiddilx in-natura tieghu skond jekk l-offizi humiex ta’ importanza zghira jew le. Ghalhekk mhux applikabbli il-perijodu preskrittiv ta’ tliet xhur skond il-paragrafu (f) ta’ l-artikolu 688 tal-Kap. 9 peress illi dan japplika biss **“ghall-kontravvenzjonijiet u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet”**. Li kellu jkun applikabbli semmai f’dan il-kaz kien il-paragrafu (e) ta’ l-artikolu 688 tal-Kap. 9 li jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni **“bl-eghluq ta’ sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa, jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet”**. Mela galadarba l-ewwel Qorti dehrilha li l-offizi kienu hfief izda ta’ importanza zghira, u ghalhekk applikabbli l-pieni tal-kontravvenzjonijiet, il-perijodu preskrittiv kellu jkun dak ta’ sentejn. Peress illi dan il-perijodu ma kienx iddekorra, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara l-azzjoni preskritta. Kwindi l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita akkkoljiment. Peress illi ma kinux instemghu xhieda f’din il-kawza, sabiex ma ccahhadx lill-partijiet, u specjalment lill-appellati, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex il-kaz jigi deciz skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat l-azzjoni preskritta in kwantu din id-dikjarazzjoni tirrigwarda l-ewwel parti ta’ l-imputazzjoni (dik ta’ hebb) u tirrevokaha f’dik il-parti li tirrigwarda t-tieni parti ta’ l-imputazzjoni u cioe` li l-appellanti kkagunaw offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Victor Sebastian Castillo Fonseca u minflok tiddikjara li din l-imputazzjoni mhix preskritta u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti biex tisma’ l-provi u tiddeciedi limitatament fuq din it-tieni parti ta’ l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------